MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 353/2010

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta :

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fid-29 ta' Lulju, 2007 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
3. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt tat-3 ta' Novembru 2009 atti Nutar Ritienne Bugeja Fenech izda kienu ilhom separati de facto sa minn Mejju 2009;
4. Illi l-partijiet ma riedux tfal minn dan iz-zwieg;

5. Illli matul iz-zwieg l-partijiet baqghu johorgu ghal rashom ma shabhom u fis-sentejn li damu mizzewgin huma qatt ma kellhom hin ghal xulxin;
6. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwetqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;
7. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
8. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi qed jitlob li din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Lulju 2007 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-konvenuta taqbel illi z-zwieg ccelebrat bejn l-kontendenti fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) ghandu jigi dikjarat null u bla effett pero' ghar-ragunijiet eskluzivament imputabbli lir-rikorrenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt din l-kawza;
2. Salv risposti ulterjuri;
3. Illi hija ma ghandhiex tbati spejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew esebiti, id-dokumenti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-attur u qal illi kien iltaqa mal-konvenuta fl-2002 minn meta kienu jmorru il-Junior College flimkien. Kien rega’ raha Paceville u qishom bdew johorgu flimkien, izda dejjem fi group. Wara xi sena u xahrejn l-attur iddecieda li jaghti sorpriza lill-konvenuta, sab patri u qal lill-familjari tieghu u lil tal-konvenuta illi kien iddecieda li jaghmlilha engagement party, izda lanqas kien xtralha curkett u kien qalilha biex tuza ic-curkett li kien xtralha bhala steady ring, bhala engagement ring. L-attur kompla jixhed illi l-pass li jmiss kien illi jizzewgu, u sena u xahrejn wara li bdew johorgu flimkien hadu l-engagement u izzewgu qisu tlett snin wara. L-attur xehed illi xi haga bdiet tghidlu biex ma jizzewigx, izda ma setghax jaghmel hekk ghaliex kellhom kollox lest. Xi tlett snin wara li iltaqghu kien xtraw post fejn kienu ser imorru jghixu wara li jizzewgu. Izzewgu u fil-honeymoon lanqas biss kellhom x’jaqsmu flimkien. Sussegwentement, il-problemi kibru wara li irceva xi karti dwar kawza li kienet saret kontrih u kontra l-mara tieghu. L-attur xehed illi meta martu irceviet il-karti mill-Qorti bhal donnha iggennet. Huwa qal illi kellu hanut, kien waqaf in-negozju u xi hadd kien qieghed ifittxu ghas-somma ta’ erbghin elf lira Maltin (LM40,000). Spiccaw b’mandat ta’ inibizzjoni fuq id-dar u b’kawza kontra taghhom. L-attur xehed illi qatt ma kien qal lill-attrici b’din il-kawza qabel ma izzewgu. Gara illi l-joint account taghhom gie sekwestrat u anke l-accounts tal-konvenuta illi kellha f’isimha personali, u b’hekk kompla il-glied bejn il-partijiet. L-attur kompla jixhed illi meta inqala dan il-glied kollu bdew jghixu hajja ghal rashom, ma ifittxux lil xulxin u ihallsu separatament il-kontijiet tad-dawl u il-ilma, ix-xiri, u meta imorru jieklu barra kullhadd ihallas tieghu. Huwa kompla

jixhed illi l-konvenuta kienet ilha tghidlu biex imur ghand avukat u dan ftit xhur wara li izzewgu u kien ghalhekk illi eventwalment beda il-proceduri ta' separazzjoni f'Mejju 2009. L-attur xehed illi kellu kawza ohra kontra tieghu, meta kienu arrestawh ghal tmienja u erbghin siegha, izda b'din il-kawza lill-konvenuta kien qalilha, wara iz-zwieg inbdiet kawza ohra kontrih fil-Qorti Civili, heba il-karti tal-Qorti, izda eventwalment il-konvenuta saret taf b'din il-kawza. L-attur xehed illi qabel iz-zwieg huwa kien ihossu bniedem ta' negozju u kien ihobb jinvesti u jiehu is-sogru, izda wara iz-zwieg kien dejjem ikollu jittallab ghall-firma tal-konvenuta u jekk xi hadd kien jipprocedi kontra tieghu kien jipprocedi wkoll kontra l-konvenuta. Hu ried jibqa jghix hajja ta' guvni, jaghmel li irid minghajr ma jirrispondi ghal hadd, u wara li izzeweg kien baqa jghix din il-hajja daqs li kieku kien ghadu guvni.

Illi l-Qorti rat ix-xiehda ta' omm l-attur, li qalet illi qabel ma izzeweg lill-konvenuta binha kellu xi kwistjoni fuq xi hanut u kien anke gie arrestat. Hija xehdet illi fit-tieg il-partijiet kienu jidhru kuntenti, izda wara l-affarijiet hadu xejra ohra. Hija saret taf illi l-partijiet kellhom xi problema minhabba xi kawza illi l-attur kellu mal-partner tal-hanut. L-attur kien gie id-dar u kien qalilha li l-partner illi kellu kien qiegħed ifittxu ghall-flus tal-hanut u kien ser jiftahlu kawza il-Qorti. Effettivament il-partner kien zammilhom id-dar u ghamlilhom xi sekwestri fuq kontijiet illi kellhom fil-bank. Xi ftit xhur wara illi kienu izzewgu, l-attur kien qal lil ommu illi kien anke gie fl-idejn mal-konvenuta. Il-glied baqa jizdied u gieli rat grief fuq binha u daqqa ta' biro go zaqqu u l-attur kien qalilha li kien ahjar jekk iwaqqaf kollox, ghax b'dan l-inkwiet kien ser jispicca il-habs. Omm l-attur xehdet illi l-attur kien jghidilha illi l-konvenuta kienet tipprovokah biex isawwatha sabiex umbaghad tirrappurtah lill-pulizija. Hija kompliet tixhed illi l-attur kien jghidilha illi ma setghax jiftiehem mal-konvenuta dwar il-finanzi u ma kellhomx sistema ta' sharing bejniethom. Il-konvenuta kienet iddum tahdem sa tard bil-lejl u kienet tohrog mal-hbieb taghha minghajr l-attur. Hija xehdet illi l-attur kien qalilha illli l-konvenuta ma rieditx tfal u illi kienet inbiddlet wara iz-zwieg. Huwa kien jghidilha wkoll illi qatt ma kienu

jghixu hajja ta’ koppja, izda kienu jghixu hajja separata minn xulxin.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet il-konvenuta u qalet illi meta kienu gharajjes, l-attur dejjem kien jaghti kasha u kien kienet tahseb illi kien ihobbha. Darba minnhom, b’sorpriza kien qabad u qalilha ghada ser niehdu l-engagement u qalet illi ma ghamlitx preparamenti peress illi qalilha gurnata biss qabel. Bhala curkett uzat wiehed illi huwa kien taha qabel u libset libsa milli kellha. Huma kienu ghamlu speci ta’ ikla. Hija xehdet illi wara dan kien imiss illi jizzewgu u l-attur kien qisu jinsisti li jizzewgu, izda hi ma tafx tghid ghalfejn izzewgu, jew jekk riedux jizzewgu, jew jekk kienux jafu xi ifisser iz-zwieg. Il-konvenuta kompliet tixhed illi qabel iz-zwieg l-attur kien ghamel jumejn illi hi ma kienitx taf fejn kien, u wara saret taf illi kien gie arrestat. Il-konvenuta xehdet illi qalet iva ghaz-zwieg ghaliex ma setghetx tghid le. Kellhom pressure minghand il-familjari u ma riedu jiddisappuntaw lil hadd. Il-konvenuta xehdet illi waqt il-honeymoon ma ressqux lejn xulxin, minkejja li raqdu fl-istess sodda. Meta izzewgu qisu waqaf kollox, anzi waqaf kollox qabel iz-zwieg, izda baqghu ghaddejjin minhabba il-preparamenti illi kienu ghamlu. Il-konvenuta xehdet illi kienu joqghodu attenti ferm u kienu jiehdu il-prekawzjoni biex ma ikollhomx tfal. Il-konvenuta kompliet tixhed illi xi gimghatejn wara iz-zwieg, l-attur b’sorpriza kbira kien qalilha illi l-ex-partner tax-xoghol tieghu kien fetah kawza kontrih u anke kontra taghha u kien qieghed ifittxu ghas-somma ta’ erbghin elf lira Maltin (LM40,000). Kienu dejjem jigu il-marixxalli u karti tal-Qorti id-dar u spiccat billi barra l-joint account, kienu anke issekwestralha il-flus personali taghha. Sussegwentement, saret taf illi ma setghux ibieghu id-dar. Ghalhekk il-konvenuta kienet iddecidiet illi hija u l-attur kellhom jisseparaw u l-attur kien ta l-istess fehma. Hija xedhet illi minn fuq l-internet saret taf b’kawza ohra illi l-attur lanqas biss kien qalilha dwarha. Darba minnhom, l-attur qabad u xtara karozza minghajr lanqas biss kien ikkonsultaha. Il-konvenuta xehdet illi qatt ma ghexu hajja ta’ mizzewgin u qatt ma kienu ghal xulxin. Hija xehdet illi id-A illi riedet tizzeweg hi ma kienx

id-A illi kienet izzewget, tfacca ragel li kien jahbilha kollox u hi qatt ma indunat li huwa kien hemm u ghalhekk tghid illi ma kienitx tafu qabel ma izzewgitu u tahseb illi ghadha lanqas tafu sallum.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet omm il-konvenuta u qalet illi il-konvenut kien jiftah negozji u jaghlaqhom wara ftit u kienet tarah unsettled fil-mod kif kien jaghmel l-affarijiet. L-attur kien jahdem minn xoghol ghal xoghol u dejjem jirsisti, izda kienet tara illi bhal donnu l-attur kien jibda haga, jitlaqha u jibda ohra u kien ihobb ukoll ibiddel hafna karozzi. Huwa kien jghid illi l-flus ma kienux problema. Kien galantom, izda kien donnu ma jafx x’qed jonfoq u x’qed idahhal. Omm il-konvenuta kompliet tixhed illi qabel iz-zwieg il-konvenuta kienet saret taf illi kienu arrestaw lill-attur. Wara li kienu izzewgu u gew mill-honeymoon, l-attur kien irceva ittra ta’ kawza fil-Qorti li kien fetah il-partner tax-xoghol tieghu kontrih u kontra bintha ukoll. Hija qalet illi l-attur ma kienx qal lill-konvenuta b’din il-kawza qabel iz-zwieg. Omm il-konvenuta kompliet tixhed illi minhabba illi kien hemm il-kawzi il-Qorti, kien hemm sekwestri fuq id-dar tal-partijiet u kif ukoll fuq il-flus illi kellhom il-bank. Hija xehdet illi bintha kienet tghidilha illi l-attur ma kienx il-bniedem illi kienet tahseb illi kien meta izzewgitu, bdew jiggieldu ta’ spiss hafna, l-attur kien jigdeb u ghalhekk il-partijiet bdew jghixu hajja separata, u dana peress illi l-konvenuta ma baqghatx tafda aktar lill-attur. L-attur beda johrog wahdu, anke imur tigijiet minghajr il-konvenuta, u il-konvenuta spiccat tohrog wahedha wkoll. Il-partijiet spiccaw isseparaw wara ftit zmien. Hija xehdet illi l-attur kien wera wicc b’iehor lill-bintha u bintha skopriet b’dan il-qerq wara iz-zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur qieghed jitlob illi iz-zwieg tieghu u tal-konvenuta jigi iddikjarat null u l-ewwel kawzali illi semma kien illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga

jew peress illi kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg, l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi sabiex tirrizulta nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm inkapacita' psikika u mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku.

Illi nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jirrizulta meta parti ghaz-zwieg ma ikollux il-kapacita intelletwali u ir-rieda matura u mehtiega sabiex ikun jaf ghal x'hiex inhu diehel u sabiex jassumi l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u cioe' il-kommunita ta' hajja u imhabba, l-obbligu tal-fedelta u tal-indissolubilita' taz-zwieg, il-'well-being' tal-konjugi u l-prokreazzjoni u l-edukazzjoni tal-ulied.

Illi fis-socjeta' Maltija dejjem gie ritenut illi l-obbligi essenzjali taz-zwieg huma; l-obbligu fir-rigward tal-att taz-zwieg bhala unjoni bejn il-konjugi u bazi ta' prokreazzjoni ghall-ulied, l-obbligazzjoni ghall- komunita ta' hajja u imhabba bhala l-espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel, il-'mutual well-being' illi iwassal ghall-koncipiment, trobbija u l-edukazzjoni tal-ulied fil-kuntest tal-hajja mizzewga, u dawn l-obbligi essenzjali iridu jkunu reciproki, permanenti, kontinwi, esklussivi u irrevokabbli.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia, deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Settembru 1997, inghad illi biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika jew kostituzzjonali li timpedixxi milli wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-attur ammetta fix-xiehda tieghu illi lanqas kien jaf ezattament xi tfisser hajja mizzewga, u cioe' li trid taqsam kollox flimkien, tiehu d-decizjonijiet flimkien mas-sieheb, jew siehba u tghix hajja ta' komunita u ghaqda bhala koppja mizzewga.

Illi irrizulta ampjament mill-provi illi l-attur heba diversi fatturi mill-konvenuta, illi li kienu kienet taf bihom, hija ma kienitx tizzewgu.

Illi irrizulta illi l-attur kien involut f'diversi kawzi kemm ta' natura kriminali, kif ukoll ta' natura civili, u illi lill-konvenuta ma qalilha xejn hlief darba wahda meta kien gie arrestat ghal tmienja u erbghin siegha, kien qalilha li kien ikkopja xi CD fuq il-computer u ma tahiex id-dettalji kollha tal-kaz.

Illi irrizulta illi l-konvenuta saret taf bl-entita tal-kawzi kollha li kien hemm kontra l-attur u illi eventwalment gie involuta hi wkoll fihom minhabba il-komunjoni tal-akkwisti u dan wara iz-zwieg u mhux qabel.

Illi l-partijiet xehdu illi fil-honeymoon ma kellhomx x'jaqsmu bejniethom u illi matul iz-zwieg ma tantx kellhom x'jaqsmu u meta kien ikollhom x'jaqsmu dejjem raw kif ghamlu sabiex ma ikollhomx tfal.

Illi l-partijiet it-tnejn ammettew illi wara iz-zwieg huma bdew jghixu hajja separata fejn jidhlu kontijiet u anke hrug barra, daqs li kieku huma qatt ma izzewgu. Huma ammettew ukoll illi izzewgu mhux ghaliex verament riedu jaghmlu hekk, izda ghaliex kien il-pass illi jmiss, xtaqu ma jghaddux minnu, izda minhabba il-preparamenti li kienu ghamlu hassew illi bil-fors kellhom jizzewgu.

Illi l-partijiet wkoll ammettew illi kienu jghixu taht l-istess saqaf, izda bhala persuni separati u mhux bhala koppja mizzewga.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat minn nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-obbligi u drittijiet essenzjali taz-zwieg, izda tara illi ma giex ippruvat it-tieni parti tal-Artikolu 19 (1) (d) u cioe illi l-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet kien vizjat b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghal xi hadd mill-partijiet illi jassumi u jaqdi l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi t-tieni kawzali citata mill-attur hija illi il-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tara illi japplika l-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta illi jghid hekk :

"jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar il-kwalita tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja mizzewga."

Illi l-Qorti rat illi irrizulta mill-provi illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb b'qerq dwar kwalita tal-attur, liema kwalita mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga, izda mhux vici versa.

Illi l-attur stess ammetta illi huwa qarraq bil-konvenuta meta izzewigha minghajr ma qalilha illi kellu kawza kriminali pendenti kontra tieghu dwar xi video pornografiku illi huwa kien involut fih.

Illi irrizulta illi l-konvenuta saret taf b'dan il-kaz wara iz-zwieg u kif xehdet hi stess, li kieku kienet taf qabel, certament ma kienitx tizzewweg lill-attur.

Illi irrizulta illi l-attur heba diversi affarijiet mill-konvenuta, anke kwistjonijiet illi kellu dwar negozju mal-partner tieghu, u dana peress illi huwa hass illi ma kellu ghalfejn jaghti rendikont lil hadd u haseb illi wara iz-zwieg huwa setgha jibqa jghix hajja ta' bniedem li ghadu guvni u li ma irid jaghti rendikont lil hadd u li seta' jaqbad u jiehu d-decizjonijiet kif irid minghajr ma  jikkonsulta ma hadd, lanqas ma martu.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi din il-kawzali giet ippruvata, izda fir-rigward tal-konvenuta u cioe' illi gie ippruvat illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat peress illi inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-attur li mix-xorta taghhom fixklu serjament il-hajja mizzewga.

Illi t-tielet kawzali citata mill-attur hija illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva

taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi fis-sentenza fil-kawza moghtija fl-ismijiet Tereza Taguri nee D vs Avukat Christopher Cilia et noe, gie ritenut mill-Qrati taghna illi fl-interpretazzjoni ta' dan is-subartikolu, l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament, izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel  u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.

Illi fid-decizjoni Galea vs Walshi deciza fit-30 ta' Marzu 1995, din il-Qorti iddefiniet is-simulazzjoni bhala meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern illi jkun inghata.

Illi sabiex ikun hemm simulazzjoni totali, irid jigi ippruvat illi il-'finis operis' taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, minkejja il-fatt illi formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi l-Qorti rat illi irrizulta mill-provi prodotti illi il-kunsens taz-zewg partijiet kien simulat, peress illi huma t-tnejn xehdu illi  huma izzewgu mhux ghax riedu, izda ghaliex ma setghux jghidu le minhabba il-pressure minghand il-familjari taghhom u minhabba il-preparamenti kollha illi kienu ghamlu, kif ukoll peress illi hassew illi kien il-pass illi jmiss, izda mhux ghaliex verament xtaqu illi jizzewgu.

Illi wara iz-zwieg irrizulta illi l-partijiet ma tantx ressqu lejn xulxin u illi l-att konjugali lanqas biss sehh matul il-honeymoon u illi meta sehh waqt iz-zwieg ma kienx l-att totali peress illi l-partijiet dejjem qaghdu attenti ferm sabiex ma jkollhomx tfal.

Illi irrizulta wkoll illi l-partijiet lanqas biss kienu ifittxu il-kumpanija ta' xulxin u illi qatt ma ghexu il-hajja mizzewga, izda baqghu jghixu bhala persuni mhux mizzewga, kullhadd ghal rasu, johorgu ghal rashom u jhallsu il-kontijiet b'mod separat, kif ukoll jiehdu decizjonijiet minghajr ma jikkonsultaw lil xulxin.

Illi hadd mill-partijiet ma kellu l-hsieb illi jghix il-komunjoni tal-hajja mizzewga, illi jidhol ghall-patt tal-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg u lanqas ghad-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied u ghad-dritt tal-fedelta.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi iz-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-29 ta’ Lulju 2007 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi peress illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat b’nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga kif ukoll minhabba illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, kif ukoll minhabba illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb b’qerq dwar kwalita tal-attur li setghet mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.  Il-Qorti tordna illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------